



Brussell, 28 ta' Marzu 2022
(OR. fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0077(COD)

7255/22
ADD 1

CODEC 300
JAI 352
FRONT 125
ASIM 25
MIGR 89
CADREFIN 35
COMIX 138

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 514/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (l-ewwelqari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv - Deċiżjoni li ssir deroga mill-perijodu ta' 8 ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

L-Awstrija tiringrazzja lill-Kummissjoni Ewropea għall-inizjattiva u tilqa' l-emendi. Madankollu, huma meħtieġa aktar miżuri, b'mod partikolari sabiex jintuża malajr il-finanzjament mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 taħt l-aktar kondizzjonijiet xierqa għall-kriżijiet u sempliċi possibbli.

Dikjarazzjoni mill-Irlanda

L-Irlanda tinnota li hemm il-ħsieb li l-Kunsill ser jieħu deċiżjoni biex jadotta r-Regolament propost f'inqas minn tliet xhur wara l-preżentazzjoni ta' din id-deċiżjoni proposta lill-Kunsill.

Peress li din hija miżura tat-Titolu V, japplika l-Protokoll 21 dwar il-Pożizzjoni tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja anness mat-Trattati u l-Irlanda għalhekk għandha d-dritt li tipparteċipa fil-miżura.

L-Irlanda tappoġġa bis-sħiħ il-proposta li tirrappreżenta rispons importanti għall-gwerra fl-Ukrajna. L-Irlanda għandha l-intenzjoni li tipparteċipa fil-miżura wara l-approvazzjoni tal-gvern u dik parlamentari meħtieġa.

Minkejja l-Protokoll 21 u d-dritt tal-Irlanda li tipparteċipa f'dan ir-regolament, l-Irlanda, fid-dawl ta' ċirkostanzi eċċezzjonali ffaċċjati u konxja mill-importanza tar-regolament propost li jippermetti lill-Istati Membri jirreaġixxu għall-kriżi fl-Ukrajna, iddeċidiet unilateralment li tirrinunzja għad-dritt tagħna sabiex tiffaċilita l-adozzjoni rapida tal-miżura.

Fil-prattika, dan ifisser li l-Irlanda mhux ser tinsisti, f'dan il-każ, fuq id-dritt tagħha li jkollha tliet xhur li fihom teżerċita l-opzjoni tal-Irlanda li tinnotifika lill-President tal-Kunsill bix-xewqa tagħha li tipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Protokoll 21.

Minflok, l-Irlanda ser tipparteċipa skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll 21 li jfisser li aħna ser nipparteċipaw wara l-adozzjoni tal-miżura. Huwa nnotat li l-Premessa 21 tat-test tirrifletti din id-deċiżjoni.

L-Irlanda ser tipproċedi bil-parteeipazzjoni tagħha skont l-Artikolu 4 malajr kemm jista' jkun. Madankollu, id-deċiżjoni li nirrinunzjaw għad-dritt tagħna ta' parteċipazzjoni skont l-Artikolu 3, ser tfisser li l-Irlanda mhux ser tkun f'pożizzjoni li tagħmel użu mill-fondi li l-miżura ser tirrilaxxa sabiex twieġeb għall-kriżi fl-istess perijodu ta' żmien bħal Stati Membri oħra u, sakemm il-Kummissjoni tapprova il-parteeipazzjoni sussegwenti tagħha skont l-Artikolu 4.

Fid-dawl ta' dan, aħna nappellaw lill-Kummissjoni biex, fi żmien debitu, tħaffef il-parteeipazzjoni tal-Irlanda skont l-Artikolu 4 fil-miżura sabiex tiżgura li ma jkun hemm l-ebda impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-Irlanda li tuża ż-żieda fil-flessibbiltà biex tirrispondi għall-kriżi.

Fl-aħħar nett, wieħed għandu r-responsabbiltà jinnota li d-drittijiet tal-Irlanda li joriġinaw mit-Trattati għal darb'oħra jidhru li ma ġewx ikkunsidrati b'mod adegwat fit-tnejjja ta' dan ir-Regolament. Filwaqt li nilqgħu l-importanza u s-simboliżmu tar-rispons rapidu li r-regolament propost jirrappreżenta, il-kwistjoni tad-drittijiet tal-Irlanda skont il-Protokoll 21 għandha tiġi rispettata u kkunsidrata mill-bidu nett fil-miżuri futuri kollha li għalihom hija tapplika, bħala imperattiv kostituzzjonali domestiku.
